# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **32** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2012 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud (daħal fis-7.25p.m.) |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal fis-6.44p.m.)<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Jesmond Mugliett |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Sandro Gatt |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 31.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders u kwotazzjonijiet:
   **KLM 2011/12 –** Restoration works of St.Anne Niche and St.Thomas stone monument and polychrome relief.
   **MLC 01/2012-** Air Quality Specialist
   **MLC 02/2012-**Publication of a Council Educational Booklet.
   **MLC 03/2012-**Flights tickets to vienna Airport for annual General Meeting 2012.
6. Data għal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill.
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 31(1) tal-15 ta' Frar 2012:**

1.1.1 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati u ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qajjem il-punt fuq paġna 12 item #9.7, fejn staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kienetx saritx l-istima ta' dan ix-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Perit għadu ma ħadimx fuq din l-istima peress li kellu xogħol aktar urġenti xi jsir. Il-Perit beda jaħdem fuq l-istima ta' Triq il-Qaliet fuq *major patching,* ħadem ukoll sabiex tinħareġ id-DNO tal-Bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici. Hu spjega li l-kuntrattur Karmig se jagħmel ix-xogħol li jaqla l-pavimentar tal-bandli b'inqas flus milli ġie ttenderjat u b'hekk il-Kunsill ikun qed jiffranka biex bil-kumplament ta' dawn il-fondi jsiru x-xogħlijiet anċillari, xogħol ta' dwal, culverts eċċ li jkun hemm bżonn f'dawn il-bandli. Issa l-Perit se jaħdem fuq l-istima tal-Bidni, kif ukoll l-applikazzjonijiet kollha tal-UIF pendenti.

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qajjem il-punt fuq paġna 12 item #9.8, fejn staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv ktibnilhomx lis-sidien ta' Monita` biex jerġgħu jiftħu Triq il-Bajja għal Triq Dun Frans Bianco.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li aħna bagħtna l-ittra tagħna, pero` bqajna bla risposta minn għandhom.

Il-Kunsill ppropona sabiex nistaqsu wkoll lill-MEPA fuq il-*planning gain* f'Ta' Monita u nibgħatu *reminder* ta' l-ittra lil dawn is-sidien.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qajjem il-punt fuq paġna 12 item #9.2, fejn informa lill-Kunsill li x-xogħol f'dan il-bandli miexi sew. Il-kurduni qed jitwaħħlu, il-bankijiet inqalgħu u ppropona wkoll sabiex ninstallaw *bicycle rack.*

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona wkoll li dawn il-*bicycle racks* għandhom jitpoġġew f'diversi postijiet madwar il-lokalita`. Hu ppropona li jitpoġġew waħda fil-*parking* ta' wara l-Knisja, waħda fi Ġnien Antoine Randich, oħra ħdejn il-Ġnien San Tumas u oħra fi Pjazza Mifsud Bonniċi barra dik ta' ħdejn il-bandli taż-Żonqor.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.0 ***Kommunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Sejħa għall-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-ktieb ippreparat mis-Sinjura Elizabeth Cassar:**

Il-Kunsill qabel unanimament li noħorġu tender għall-pubblikazzjoni ta' 4,500 ktieb li jiġi mqassam f'kull dar fil-lokalita` tagħna bħal ma nagħmlu bil-fuljett u nagħmluh bil-kulur.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li nħaxxnu ftit il-qoxra tiegħu peress li dan huwa ktieb li jibqa` jinżamm għal dejjem.

Il-Kunsill approva unanimament.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għall-laqgħa fis-6.44p.m.***

3.2 **<u>Korrispondenza mill-WSC dwar xogħol li jrid isir fi Triq La Sengle (35/1247/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza mill-WSC mill-Eng Galea St. John fejn qal li ilna sitt xhur nistennewhom biex ituna stima għal Triq La Sengle. L-Istima waslet fejn qed jgħidu li l-Kunsill irid iħallas is-somma ta' €1008.46 lill-WSC u s-somma ta' €4,442,20 trid tiġi mħallsa mill-WSC lill-kuntrattur. Barra minn hekk is-Segretarju bagħat *email* lill-Eng St. John dwar Triq iż-Żonqor fejn huma qed jgħidu li nqalgħet problema dwar il-proċedura li trid tiġi adottata mill-Kunsill li tinvolvi applikazzjoni lit-TM qabel ma jitwettaq ix-xogħol tal-Kunsill bħala proċedura fuq bankini li tinvolvi proċess twil. Is-Segretarju fuq dan ir-rigward bagħat *email* lit-TM lis-Sur Tommy Debono fejn talbu jiggwidana dwar il-proceduri li għandha tittieħed sabiex isiru l-bankini ġodda fil-lokalita` tagħna min-naħa tal-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sur Debono wieġeb fejn qali li għal kull xogħol li jsir fit-toroq, għandu jkun hemm dejjem permess għax hekk jitlob l-avviż legali 29/2010. Jekk ħa tinbidel il-bankina kollha jrid ikun hemm permess RWP1 minħabba li ġieli bħal mhu il-każ tagħna jkunu jridu jinbiddlu s-servizzi ta' l-ilma u b'hekk il-volum tax-xogħol ikun akbar u l-inkonvenjenza għall-pubbliku tikber ukoll. Is-Sur Debono kompla jgħid li b'dan il-mod it-TM ikollu *record* tax-xogħol u jkun jista` jiġi mmoniterjat min-naħa tagħhom.

Il-Kunsill approva li filkaż ta' Triq La Sengle se jsir *patching* u allura mhux se jkun hemm il-bżonn li jinbidlu s-servizzi ta' l-ilma.

❖ ***Sospensjoni tar-regolamenti.***

➢ Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li llum kellu problema minħabba li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, l-Accountant għadda l-*financial statements* b'€26,000 *surplus.* Pero` saru xi aġġustament min-naħa tal-Accountant. Hu kompla jispjega li l-Awditur Ġenerali qallu li dawn l-aġġustamenti ma jistgħux isiru wara l-approvazzjoni tal-*financial statement* ikunu għaddew mill-laqgħa tal-Kunsill għax b'hekk il-Kunsill jista` jeħel il-penali minħabba li l-*financial statements* ma jkunux ġew sottomessi fil-ħin. L-Accountant tal-Kunsill se jkollu jerġa jaħdem b'lura biex jipprovdi l-*Extended Trial Balance* u *dataset* skond il-*financial statements* approvati mill-Kunsill imbagħad l-aġġustamenti jsiru bħala *audited adjustments.* Is-SE informa lill-kunsilliera preżenti illi l-accountant kien għamel aġġustamenti fil-financial statements wara li dawn ġew approvati waqt seduta tal-kunsill u minflok surplus kien
Il-Kunsilliera staqsew jekk il-laqgħa pubblika tistax issir minħabba dan il-fatt. ġie preżentat deficit għas-sena 2011 (għalkemm dawn l-aġġustamenti ma ġewx approvati mill-awdituri).

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jiċċekja mad-Dipartiment dwar dan. Il-Kunsilliera preżenti qajmu diversi punti fosthom il-kunsillier (Fearne li qalet li għandha ssir laqgħa b'urġenza sabiex jiġi diskuss u spjegat l-aġġustamenti li kien saru fil-financial statements u dan għandu jsir fil-preżenza ta' l-accountant. Il-Kunsillier L. Cantar qal illi l-pagamenti ta' l-accountant għandhom jinżammu sakemm jintgħażel l-financial statements wara l-aġġustamenti ta' l-awdituri. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

❖ ***Il-Viċi Sindku daħal għall-laqgħa fis-7.25p.m.***

3.3 **<u>Korrispondenza mingħand is-Sur Matthew Spiteri dwar talba għal-kumpens għad-danni li sofra fil-vettura tiegħu (35/1564/12/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Matthew Spiteri qed jitlob rikompens għad-danni li sofra fil-vettura tiegħu fi Triq Ħaż-Żabbar fil-5 ta' Jannar 2012.

Is-Sindku spjega billi qal li s-Sur Matthew ma pprovdiex rapport mill-Pulizija, iżda pprovda rapport mill-Gwardjan tal-*iSterling Security.*

Huwa kompla jgħid li l-korrispondenza li bagħat is-Sur Spiteri hija konfliġġenti għax f'*email* minnhom qed jgħid li qasam żewġ tyres via Żabbar u f'korrispondenza l-oħra qal li qasam *tyre* hu u tiela lejn Triq il-Blajjiet u apparti minn dan provda stima ta' xogħol fejn qed jitlob rikompens ta' *tyre* u rim tal-vettura tiegħu.

Il-Kunsill iddeċieda fid-dawl ta' dan, li r-rapporti u l-korrispondenza mingħuta huma konfliġġenti u jrid jitlob għal aktar spjegazzjoni. Din l-*item* titħalla għall-laqgħa oħra.

3.4 **Korrispndenza mingħand St. Margaret College Girls' Secondary School (35/1222/12/I):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne spjegat li nhar il-Ġimgħa 27 ta' April fl-iskola St. Margaret College tal-Bniet se jkun hemm Jum il-Premjazzjoni u għal dan ir-rigward il-Kunsill għandu joffri ktieb ta' Marsaskala.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 **Kuntratt iffirmat bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem il-Kunsilli u l-WSC (35/1210/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li jeżisti *agreement* bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem il-Kunsilli kollha u l-WSC rigward ir-*reinstatement* tas-servizzi ta' l-ilma. Hu spjega li kien bagħat ittra lid-Direttur tal-Kunsilli, s-Sur Carmel Abela rigward dan fejn talbu biex tiġi ċċarata sitwazzjoni mhux biss mil-lat tekniku iżda saħansitra mil-lat finanzjarju tal-Kunsill. Hu qallu li kemm il-Kunsill Lokali hawn li qed jaffetwa ir-*reinstatement* fi żmien 45 ġurnata permezz tal-kuntrattur tiegħu, iġib l-approvazzjoni mill-Perit ta' Trasport Malta, jissottometti i*nvoice* lill-korporazzjoni u effettivament jitħallas fi żmien 90 ġurnata. Hu żied billi qalli li fil-kuntratt hemm imsemmi li x-xogħol li jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill irid jiġi ċċertifikat mit-Trasport Malta (RID) mingħajr qbil ta' rappreżentanza tal-RID, fl-imsemmi kuntratt. Il-Kunsilli Lokali kollha se jitħallsu sal Lulju 2010 ta' kull *house connection* li tkun inbidlet mill-WSC irrelevanti jekk il-Kunsill Lokali ikunx għamel ir-*reinstatement* bil-*hot asphalt* jew le, iżda wara dan il-perjodu mhijiex se tħallas lura s-somma ta' €50 għal kull trinka jemm ma jkunx sar ir-*reinstatement* mill-Kunsill bil-*hot asphalt* u ġab iċ-ċertifkazzjoni meħtieġa, allura fid-dawl ta' dan il-maġġoranza tal-Kunsilli li mhumiex qed jagħmlu r-*reinstatement* ta' dawn is-servizzi, l-istess kuntratt għandu jiġi xolt.

Għal dan ir-rigwad il-Kunsill ppropona li nieħdu parir mill-Avukat tagħna u jekk nistgħu noħorġu minn dan il-kuntratt nagħmlu hekk. Dan ukoll minħabba 'l fatt li l-Kunsill m'għandux kuntrattur biex jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

Is-Sindku ppropona li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment u lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli dwar dan.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.6 **IKIDS Project – TCTC (35/1067/12):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li se jsiru korsijiet tal-kompjuter fis-Sjaf għat-tfal ta' bejn l-4 snin u 10 snin.

Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ppropona li nġibu reklam fuq il-magazine tagħna dwar dan.

Il-Kunsill approva unanimament li jsiru dawn il-korsijiet bħala Kunsill Marsaskala u mhux bħala Reġjun Xlokk, peress li kellna nagħżlu jekk ningħaqdux mar-reġjun jew nagħmluhx waħedna.

3.7 **Ħofra fi Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/1126/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sinjura Satariano wara li l-Kunsill ma laqgħax it-talba tagħha għal kumpens wara li sofriet danni fil-vetturi tagħha, fejn qed tgħid li ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Kunsill u talbet lill-Kunsill jerġa jikkonsidra t-talba tagħha.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsostni d-deċiżjoni tiegħu.

3.8 **Korrispondenza mingħand is-Sur Sandro Fiteni dwar talba għal-kumpens għad-danni li sofra fil-vettura tiegħu (35/1564/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Sandro Fiteni qed jitlob rikompens għad-danni li sofra fil-vettura tiegħu fi Triq il-Qaliet.

Is-Sindku qal li s-Sur Fiteni ma kienx pprovda rapport tal-Pulizija.

Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Kunsill aprpova unanimament li meta jiġi provvdut ir-rapport mill-Pulizija terġa tiġi kkunsidrata. Il-Kunsill għandu jinfurmah dwar dan.

3.9 **Hexicon Floating Wind Farm (35/1094/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna korrispondenza mill-MEPA rigward isibux oġġezzjoni li ssir *Hexicon Floating Wind Farm* liema korrispondenza kienet diġa ntbagħtet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

Il-Kunsill approva unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni peress li qegħda 'l bogħod ħafna u mhijiex fiż-żona tagħna għax qegħda mal-kosta li tħares lejn il-Grigal (North East).

3.10 **PA00087/04 – Development of an aquaculture zone south-east of Malta (35/0771/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna korrispondenza mill-MEPA fejn qed jinfurmawna li sar is-smiegħ ta' l-appell nhar il-Ħamis 16 ta' Frar, 2012 fis-1.45p.m. fil-MEPA. Is-Sindku qal li din kienet intbagħtet lil kulħadd pero` huwa ma setax jattendi.

Minħabba 'l fatt li dati suċċessivi ta' seduti oħra ma jintbagħtux lill-Kunsill, iddeċieda li għandu jitlob għal aktar informazzjoni biex ikompli jsegwi l-każ.

3.11 **One Way fi Triq il-Granmastri u parti minn Triq tal-Gardiel (35/1065/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara *email* li rċivejna mingħand is-Sur George Bezzina fejn qed jitlob li Triq il-Granmastri u parti minn Triq tal-Gardiel jiġu *one way*. Is-Sur Bezzina qed jgħid li ilu jitlob dan li jsir għal dawn l-aħħar 4 snin u bla riżultat għax il-Kunsill jgħid li TM mhux qed tapprova li jsir dan u meta bagħat lit-TM dawn qed jgħidu li hija responsabilita` tal-Kunsill Lokali Marsaskala.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq diversi ittri li bagħtna lit-TM għal din l-approvazzjoni u fejn qal li jekk it-TM qed jgħidu li din hija responsabilita tagħna, mela allura nistgħu inwaħħlu t-tabelli tal-*one way*, għax il-Kunsill dak li jrid. Għandha tintbagħat korrispondenxa lit-Tmalta dwar dan.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.12 **MEDEEA Project Meeting (35/0882/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna korrispondenza mis-Sinjura Diane Cassar f'isem il-MIEMA fejn qed titlob sabiex niffermaw il-kuntratt għal dan il-proġett. Dan kien proġett li kien diġa ġie msemmi waqt seduti preċedenti.

Il-Kunsill qabel unanimament li niffirmaw dan il-kuntratt.

3.13 **Talba għal-leave mingħand l-iskrivana Claire Attard (35/1294/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-iskrivana s-Sinjura Claire Attard qed titlob għal-*leave* fit-tul peress li waslet biex ikollha tarbija, fejn tat rendikont ta' kif kienet beħsieba li tieħu l-*leave* tagħha. L-iskrivana Claire Attard beħsieba li tidħol bir-*reduced hours*, pero` dan dejjem tikkonfermah aktar 'il quddiem. Is-Segretarju Eżekuttiv pero` kien tkellem mas-Sinjura Attard li kienet interessata wkoll għat-*teleworking*.

Is-Segretarju nforma wkoll lill-Kunsill li l-iskrivana li fil-preżent qed taħdem bit-*teleworking* is-Sinjura Rebecca Micallef qegħda wkoll tistenna tarbija. Pero` fil-każ tagħha hija se tlesti għal madwar Settembru u peress li l-kuntratt tagħha jagħlaq f'Awwissu, huwa kien qed jissuġġerixxi lil-Kunsill li nġeddulha l-kuntratt sakemm twelled, jew sakemm toħroġ bis-sittax-il ġimgħa *leave.*

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa wkoll lill-Kunsill, li peress li huma t-tnejn se jiġi fl-istess pożizzjoni, li jridu jaħdmu bit-*teleworking,* allura l-Kunsill ma jibqalux alternattiva oħra li ma jagħtiex it-*teleworking* lil ħadd minnhom, għax xorta waħda nibqgħu bil-problema li fil-*customer care* ikun hemm skrivana waħda u l-Kunsill għandu bżonn żewġ ħaddiema fil-*customer care* u mhux tnejn bit-*teleworking.*

Il-Kunsill, fid-dawl ta' dan approva unanimament li nsaqsu lis-Sinjura Rebecca Micallef jekk għandhiex l-intenzjoni li wara l-*maternity leave* tagħha tidħolx lura għax-xogħol u b'liema mod se tidħol jekk hux *full time* jew bir-*reduced hours* u ta' dan il-Kunsill qed jitlob sabiex ittina risposta mill-aktar fis possibli, għax fil-każ li tidħol bir-*reduced hours* tkun tista` toltera mas-Sinjura Claire Attard fuq bażi ta' tlett ijiem fil-ġimgħa għas-siegħat ta' filgħodu. Fir-rigward li s-Sinjura Rebecca Micallef ma taċċettax u tibqa` fuq il-*parental leave*, allura ma jkollniex altarnattiva oħra ħlief li nistaqsu għal permess lid-Dipartiment għal *part timer* fuq kuntratt definit.

❖ ***Il-Kunsilliera, s-Sinjuri Daniel Spiteri u George Farrugia ħarġu mill-laqgħa fid-9.00p.m.***

3.14 **Ittra Anonima (35/1334/12/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra anonima li kienet intbagħtet lid-Dipartiment bħala tkomplija fuq l-ittra anonima preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera preżenti li r-risposta dettaljata bħala risposta għall-ewwel ittra anonima kienet inqrat waqt is-seduta tal-Kunsill u ma kienetx ingħatat kopja lill-Kunsilliera. Ir-risposta mill-Kunsill kienet intbagħtet biss lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Importanti wkoll 'l fatt li fit-tieni ittra anonima, dan l-anonimu kien qed isostni li t-tweġiba li ngħatat mill-Kunsill lid-Dipartiment ma kienetx tajba. Sa dak inhar li ntbagħtet din l-ittra anonima, lanqas il-minuti ma kienu għadhom intbagħtu lill-Kunsilliera u l-minuti tas-seduti lanqas biss ma kienu *uploaded* fuq il-websajt tal-Kunsill peress li l-minuti jiġu *uploaded wara* li jiġu approvati fis-seduta sussegwenti.

Il-Kunsilliera bi qbil unanimu qablu mal-metodu ta' kif kienet tmexxiet din il-biċċa xogħol u saret diskussjoni dwar kif dan l-anonimu seta` jiġi nfurmat dwar dan kollu. Il-Kunsill iddeċieda wara li eżamina fid-dettal dan il-punt, li għandu jibgħat jistaqsi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jassigura ruħu li l-informazzjoni ma nħarġitx minn hemm.

3.15 **Ħsara ikkaġunata mil-maltemp fil-bajja San Tumas (35/1438/12/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħsarat li ġarrab San Tumas bil-maltemp li ħakkmet il-gżejjer tagħna dawn l-aħħar, ser jiġu rranġati mid-Dipartiment tal-Gvern.

3.16 **MEPA Document Network Natura 2000 (35/1472/12/I):**

Is-Sindku qara korrispondenza li ntbagħtet mill-MEPA dwar eżerċizzju li se jsir f'diversi lokalitajiet li wieħed minnhom huwa l-lokalita` tagħna fejn flimkien magħhom se jsir dan l-eżerċizzju fuq l-artijiet fil-konfini li jagħmlu parti min-Network Natura 2000, li fil-konfront tagħna huwa l-Magħluq.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan ir-rigward u li jippartecipa f'dan l-eżerċizzju.

3.17 **Frank Borda Limited – Tender KLM2011/11 – PV Panels (35/1489/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjur James Apap Brown għan-nom tal-kumpanija Frank Borda Ltd, liema kumpanija kienet rebħet it-tender tal-PV Panels qed joffri lill-Kunsill li bl-istess ammont ta' flus se jtina pannelli aktar tajbin li huma Sharp Solar.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li din hija proposta tajba għall-Kunsill, għax bl-istess fondi se nieħdu prodott aħjar.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18 **Patching Works fi Triq il-Qaliet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill stima ta' xogħol li saret mill-Perit tagħna dwar *patching* works fi Triq il-Qaliet li se tiġi tiswa €33,319.26.

Is-Sindku ppropona wkoll li jsiru *patching* f'diversi toroq oħra bħal Triq il-Gross, Triq il-Friefet, Triq l-Iskal, żewġ partijiet fi Triq La Sengle u fi Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li €88,000 li kellna bbaġitjati fuq infrastruttura intefqu kollha għal din is-sena finanzjarja u l-*patching* kollu li l-Kunsill qed jipproponi li se jagħmel se jiswa 'l fuq minn €70,000. Għalhekk il-Kunsill, għal din is-sena finanzjarja se jiġi jonfoq aktar milli qed idaħħal. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar il-problema li nqalgħet din is-sena dwar il-latrini li kien hemm ibbaġitjat mod u kellna noħorġu tender għax il-*Cleansing* se jwaqqfulna t-tender u b'hekk il-Kunsill se jiġi li jrid joħroġ aktar flus mill-bbaġitja f'dan il-każ ukoll. Hu nforma lill-Kunsill ukoll dwar il-fatt li l-fondi tal-UIF jidħlu wara li jkun sar il-proġett tal-bandli, allura f'dan ir-rigward irridu noħorġuhom aħna minn qabel u allura rridu nieħdu ħsieb il-*cash flow* minħabba l-proġetti kollha proposti mill-Kunsill.

Fuq dan l-argument il-Kunsill approva unanimament biex isir dan il-*patching*, filwaqt li kien hemm qbil unanimu li għal din is-sena l-Kunsill se jkun qed jonfoq iktar milli jdaħħal u se jutilizza mill-fondi riżervati li għandu. Il-Kunsill Lokali jrid jagħmel l-almu tiegħu biex il-flus zejda li se jintefqu din is-sena jitpoġġew lura fis-snin ta' wara.

Kien hemm qbil ukoll li jekk il-kuntrattur Polidano ma jagħmilx *target date* ta' meta se jibda dan il-*patching*, allura l-Kunsill ma jkollux triq oħra li jieħu miżuri ulterjuri.

3.19 **Sistema moderna kompjuterizzata għal-Customer Care :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li tinxtara sistema kompjuterizzata għall-permessi, *bye-laws* u kwalunkwe riċevuta li tinħareġ mill-Kunsill biex tiżdied l-effiċjenza tal-Kunsill. Huwa qal li għal dan il-għan se jkun hemm bżonn li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill diġa għandu server li issa jintuża biex tiġi nstallata din is-sistema.

Il-Kunsill approva unanimament li tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għal din is-sistema.

3.20 **Ittra mill-MEPA dwar Areas of Containment (35/1507/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li rċivejna mill-MEPA fejn qed tgħid li se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni nhar it-Tlieta 3 ta' April fl-10.00a.m. fil-MEPA għar-rigward siti biex jitpoġġew scammels u tip ta' vetturi kbar li ma jkollhomx garaxxijiet fejn ipoġġuhom. Huma talbu wkoll li jekk il-Kunsill ikun jaf b'xi siti oħra jgħidilhom.

3.21 **Viżita` tas-Sindku ta' Chojna – Polonia ġewwa Malta:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ġimgħa ddieħla se jiġi s-Sindku ta' Chojna – Polonia ġewwa Malta flimkien ma' xi studenti ġewwa Marsaskala. Huwa qed jipproponi li kif ikun Marsaskala jieħdu *lunch*. Is-Sindku qal ukoll li meta jiġi fil-Kunsill se jinforma lill-Kunsilliera biex min irid jiġi jiltaqa` miegħu.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.22 **Korrispondenza mingħand is-Sur Raymond Azzopardi dwar talba għal-kumpens għad-danni li sofra fil-vettura tiegħu (35/1544/12/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Raymond Azzopardi qed jitlob rikompens għad-danni li sofra fil-vettura tiegħu fi Triq il-Qaliet nhar l-14 ta' Marzu 2012.

Il-Kunsill approva li jtih rikompens ta' 60%, peress li s-Sur Azzopardi kellu kollox in regola u pprovda wkoll anke r-rapport tal-Pulizija.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallas il-kont ta' R & A rigward ġbir ta' skart għax-xahar ta' Frar 2012 li jammonta għal €9,412.81 li kien ġie ppreżentat wara li kienet intbagħtet l-iskeda tal-pagamenti finali.

4.2 **Pagament Nru #1353:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-kont ta' Polidano Brothers Ltd jingħata aktar spjegazzjoni ta' fejn sar ix-xogħol u mhux biss jinkiteb *'resurfacing and patching in various streets'.*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn it-toroq kienu Triq il-Qaliet, Triq tal-Gardiel u Bidni *area*, dħul minn Triq Ħaż-Żabbar sal-Kappella tal-Madonna tad-Dawl.

4.3 **Pagamenti Nri #1320 u #1321:**

Il-Viċi Sindku s-sur Charlot Mifsud talab spejgazzjoni għal dawn iż-żewġ kontijiet.

Is-Segretarju wieġeb li dawk huma kontijiet mibgħuta mir-Reġjun li saru fuq ċitazzjonijiet li kienu ngħataw qabel ma bdew ir-reġjuni u għadhom qed jiġu proċessati f'dawn ix-xhur. Pero` xorta waħda s-Segretarju innota li fuq dawn iż-żewġ kontijiet għalkemm ta' xhur differenti kien hemm imnizżel ammonti simili.

B'hekk fid-dawl ta' dan, il-Kunsill talab kjarifika dwar dawn il-kontijiet qabel ma joħorġu għall-ħlasijiet.

❖ *Sospensjoni tar-regolamenti.*

➢ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-flus dovuti skond il-kuntratt iffirmat mal-Green MT u r-rapporti daħlux ġol-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett rrisponda fejn qal li sat-2010 il-Kunsill kellu jirċievi €4000, pero` s'issa għadna ma ħadna xejn minn dawn il-fondi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-boroż il-griżi għandhom jiġu mqassma f'kull dar li għandna darba fix-xahar, ipprovduti mill-Kunsill bħal ma jagħmlu lokalitajiet oħra. Il-Kunsill għandu jiċċekkja mal-Green MT biex naraw jekk nistgħux nipprovdu dan is-servizz.

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' tenders u Kwotazzjonijiet:***

5.1 **KLM 2011-12 - Restoration Works of St. Anne Niche & St. Thomas Stone monument and polychrome relief:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule.*

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | KAP Services Ltd | €4,380.00 |
| 2. | Aguis Stone Works Ltd | €9,168.60 |
| 3. | Mr. Neil Miguel Borg | €10,407.60 |
| 4. | Mr. Jason Bugeja | €4,280.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-kjarifika u r-risposta mingħuta mis-Sur Jason Bugeja fejn is-sur Bugeja qal li ma jridx li *conservation architect* ikun fuq il-post u għal dan ir-rigward il-Perit issuġġerixxa li l-KAP Services Ltd nitolbuhom kjarifika ukoll dwar dan.

Il-KAP Services Ltd irrispondew fil-kjarifika tagħhom li huma lesti li jaċċettaw dak kollu li talab il-Kunsill.

F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel unanimament li nqabdu lill-KAP Services Ltd., minħabba li d-differenza bejniethom kienet €100 u minħabba 'l fatt li l-kuntrattur KAP kien lest li jaderixxi mal-kundizzjonijiet kollha stipolati fil-kuntratt.

5.2 **MLC 02/2012 – Publication of a Council Educational Booklet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule.*

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Union Print | €1050.00 |
| 2. | Veritas Press | €1044.75 |
| 3. | Mayhem | €1161.72 |
| 4. | Advert Eyes | €920.40 |
| 5. | Gutenberg | €780.00 |
| 6. | Colour Image | €1260.00 |

Il-Kunsill approva unanimament li jintgħażel Gutenberg peress li kien l-orħos offerent.

5.3 **MLC 03/2012 – Flights Tickets to Vienna Airport for Annual General Meeting 2012 :**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule*.

| | Kuntrattur | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|
| 1. | Tristar Travel Ltd. | €1170.00 |

Il-Kunsill approva unanimament li jintgħażel Tristar Travel Ltd, peress li kien l-uniku offerent.

5.4 **MLC 01/2012 – Air Quality Specialist:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*tender schedule*.

| | Kuntrattur | | Ammont inkluż il-VAT |
|---|---|---|---|
| 1. | Dr. Joseph Buhagiar | BOQ 1<br>BOQ 2<br>BOQ 3 | €2300.00<br>€2300.00<br>€54.00 |
| 2. | Environmental Monitoring Services Ltd. | Option A<br>BOQ 1<br>BOQ 2<br>BOQ 3 | <br>€55.31*<br>€200.00 (8 reports)<br>€32.00 |
| | | Option B<br>BOQ 1<br>BOQ 2<br>BOQ 3 | <br>€35.00*<br>€200.00 (8 reports)<br>€32.00 |
| * | Excluding Weekends & Public Holidays | | |

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien talab kjarfika lill-Environmental Monitoring Services Ltd fuq BOQ 1 taż-żewġ *options* li kienu pprovdew u r-risposta tagħhom kienet li dik ir-rata tapplika għal kull ġurnata. Din ir-risposta kienet inbagħtet bil-miktub.

Il-Kunsill approva unanimament li jintgħazel is-Sur Joseph Buhagiar għax kien l-orħos offerent.

❖ ***Sospensjoni tar-regolamenti.***

➢ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna l-kwotazzjoni mill-ELC sabiex nirranġaw is-*centre strip* li hemm bejn Triq San Ġwakkin u Triq La Sengle fejn talbuna s-somma ta' €2975. Is-Sur Ciantar qal li se jitlob riviżjoni tal-kont għax ħass li l-istima setgħet tkun orħos.

➢ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li talab stima fuq il-pots li rridu nagħmlu tul il-promenade, fejn l-ELC talbuna €174 għal kull waħda bil-ħadid, fertilizzant u xtili nklużi. . Is-Sur Ciantar qal li se jitlob riviżjoni tal-kont għax ħass li l-istima setgħet tkun orħos.

- Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fl-iskola primarja tagħna hemm madwar 50 tfal bi bżonnijiet speċjali u se jagħmlu kamra speċjali li se tiswa €9000. Peress li l-Kunsill tagħna ma jistax jagħti donazzjoni, s-Sinjura Fearne talbet lill-BOV biex jagħti *sponsor* minflokna u l-BOV aċċettaw.

- Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsill li f'April li ġej se tiġi organizzata ħarġa għal-Għawdex bħalma jsir kull sena.

6.0 ***Data tal-Laqgħa Annwali tal-Kunsill:***

Rigward il-laqgħa annwali, l-Kunsill irid jistenna r-risposta mid-Dipartiment.

7.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#320 – 16/02/12):**

*"Jipproponi sabiex nagħmlu bozza ġdida fit-Triq Wied iż-Żiju".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.2 **Mozzjoni mressaq mill-Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#321 – 1/03/12):**

*"Jipproponi sabiex issir zebra crossing fi Triq tal-Gardiel viċin il-bus stop(site plan annessa)".*

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu lil-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel stima ta' xogħol.

8.3 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur John B. Camilleri (#322 – 8/03/12):**

*"Jipproponi sabiex it-Triq ġdida fi Triq ir-Rummien ngħatuha isem ġdid".*

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-isem ta' Triq in-Naspli.

8.4 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#323 – 8/03/12):**

*"Jipproponi sabiex peress qed ikollna ħafna lmenti fuq il-bankijiet tal-ħadid ta' madwar il-promenade li m'humiex komdi xejn u li huma kollha sadid u li jridu manutenzjoni qawwija, dawn għandom jinbidlu. Peress illi l-Kunsill m'huwiex f'pożizzjoni finanzjarja li jbiddel dawn l-imsemmija bankijiet jissuġerixxi li jinxtraw 4 bħal sample. Is-Sindku diġa qiegħed f'kuntatt ma negozjanti u ċittadini skalin biex anke huma jikkontribixxu fit-tibdil ta' dawn il-bankijiet".*

Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn l-4 bankijiet.

8.5 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#324 – 14/03/12):</u>**

*"Jipproponi sabiex peress li l-kundizzjoni ta' Triq il-Qaliet tinsab fi stat diżastruż ħafna, hemm bżonn li l-Kunsill jindirizza din il-problema billi jagħti wiċċ ġdid ta' tarmak fejn meħtieġ. Il-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel stima biex il-Kunsill ikun jaf bejn wieħed u ieħor l-ammont li jrid jintefaq mill-Kunsill".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

- ***Sospensjoni tar-regolamenti.***

- Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li ġab sample ta' bozza li hu qed jissuġġerrixxi li jitwaħħlu fil-village core ta' Marsaskala sabiex jinbidlu dawk eżistenti u jiġu kollha l-istess u dawn nwaħħluhom fi żmien sena. It-toroq huma Triq San Ġwakkin, Triq Santa Tereża, Triq La Sengle, Pjazza Dun Tarċis Agius. Dawn jiswew €230-il waħda.

  Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qal li se jġib stima eżatt kemm għandna bżonn inwaħħlu lampi ġodda f'dawn it-toroq.

  Il-Kunsill approva unanimament.

9.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:</u>***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

10.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.30p.m.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku